**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA Tal-4 ta' Lulju, 2002.**

Citazzjoni numru 2022/99

L-Avukat Rachael Bonello, bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera "Leaf Italia S.r.l" (gia Sperlari S.r.l.) skond prokura hawn annessa u mmarkata Dok "A"

Vs.

Micheal Camilleri u Mark Camilleri, f'isimhomm proprju u fl-isem fl-interess tad-ditta "Firm Camilleri Bros"

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha l-attrici nomine wara li ppremettiet:-

Illi s-scojeta' estera "Leaf Italia S.r.l. (gia Sperlari S.r.l.) hija kreditrici tal-konvenuti proprio et nomine fis-somma ta'hdax-il miljun, tmien mija wiehed u hamsin elf u erba' mija liri taljani (Lit 11,851,400) li skond ir-rata odjerna ta' erbgha hamsa tnejn punt sebgha zero wiehed wiehed liri Taljani (LIT 4525.7011) pagabbli ghal kull lira Maltija (LM1) hija ckwivalenti ghal

elfejn, sitt mija u tmintax-il liri Maltin, disgha u sittin centwzmi (LM2618.69) rappresentanti prezz ta' konsenja ta' noughat mibjugha lid-ditta konvenuta u minnha accettat u dan skond invoice li jgid id-data tas-16 ta' Novembru 1995 li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "B".

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu, anke ufficjalment l-konvenuti proprio et nomine baqghu inedempjenti:

Talbet ghalhekk lill-konvenuti proprio et nomine jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti

1 Tikkundannhom sabiex ihallsu lill-attrici nomine s-somma ta'hdax-il miljun, tmien mija wiehed u hamsin elf u erba' mija liri Taljani (LIT 11,851,400) li skond ir-rata odierna ta' erbgha hamsa tnejn hamsa punt sebgha zero wiehed wiehed liri Taljani (LIT 4525.7011) pagabbli ghal kull lira Maltin (LM1) hija ekwivalenti ghal elfejn, sitt mija u tmintax-il liri Maltin, disgha u sittin centezmi (LM2618.69) rappresentanti prezz tal konsennia ta' nougat mibjugha lid-ditta konvenuta u minnha accettata u dan

skond invoice li jgib id-data tas-16 ta'Novembru 1995 li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "B":

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-Vat, kif ukoll dawk ta' l-ittra legali li ggib id-data tat-28 ta' Lulju 1997, ta' l-ittri ufficcjali li jgibu d-data tad-29 ta' Ottubru 1197 u tal-14ta' Settembru 1999, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsennja tan-noughat, kontra l-konvenuti proprio et nomine li gew gunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota tal-attrici nomine tallum stess li biha irriduciet it-talba attrici ghas-somma ta' tmien mija u wiehed u sebghin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmu(Lm871.21c) stante pagamenti li saru fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenuti proprio et nomine tallum stess li biha ammettew it-talbiet attrici kif ridotti skond in-nota prezentata mill-attrici nomine fis-seduta tallum stess;

Rat il-verbal tallum stess;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti proprio et nomine it-talba fic-citazzjoni kif ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti proprio et nomine tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici kif ridotta bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra il-

konvenuti proprio et nomine, b'dan pero li l-imghax legali fuq l-ammont kif ridott jibda jghodd millum.

IMHALLEF

Dep. Registratur